

"Rothmans Special Mild give me the taste and satisfaction I really enjoy."




"They say it's because Rothmans use only the best tobacco – and that is what really counts in a mild cigarette. If you are looking for a mild cigarette you can taste, ask for Rothmans Special Mild in the red pack."

Rothmans

SPECIAL MILD


# "KOLLOX MILL-AQWA U MILL-AĦJAR"

**minn WALLACE P. GULIA**

Is-Sinjura Martha kienet tinsab imħassba mhux ftit. Kellha t-tifla ż-żgħira tbati bit-tunsilli u dan l-aħħar il-Professur kien qatagħha li jridu jinqalgħu. L-operazzjonijiet ma jogħġbu lil ħadd u wisq inqas lis-sinjura Martha li dejjem rat kif għamlet biex l-operazzjonijiet twarrabhom, hekk li l-ftaħir tagħha kien li ġisimha kien għadu kollu sħiħ u li sħiħa kellha tidher bih quddiem il-Ħallieq fl-aħħar jum tad-dinja.

Imma issa ċ-ċkejkna Clothilde kienet reġgħet b'attakk ieħor fi griżmejha u l-Professur kien qatagħha li malli jgħaddilha sew, jaqilgħalha t-tunsilli 'l barra. Għall-magħmul m'hemmx kunsill, u la l-ħaġa trid issir, ikollok tbaxxi rasek għaliha. Hekk għamlet is-sinjura Martha; biss qatgħetha illi la t-tifla kellha tagħmel l-operazzjoni għandha tagħmel kollox mill-aqwa.

Għalhekk staqsiet fuq li staqsiet biex tara l-Professur li kienet kellmet kienx tabilħaqq l-aqwa tabib li għandna Malta li jaħdem f'dik il-linja. U meta sħabha, kemm dawk li jifhmu kemm dawk li ma jifhmux, fissru fehmthom li hu kien l-aqwa u l-aħjar, għamlitlu viżta biex tisħaqlu li kollox irid ikun mill-aqwa u mill-aħjar.

Il-Professur laqagħha b'idejh miftuħa, u wara li staqsieha kif kienet tħossha, is-sinjura Martha mill-ewwel marret f'ras il-għajn u qaltlu li marret tarah imħabba bintha, biex tingħażel id-data ta' meta ċ-ċkejkna Clothilde kellha titlef it-tunsilli tagħha.

Il-Professur kien jagħmel minn dawn l-operazzjonijiet bl-għexieren u għalhekk din l-operazzjoni għalih kienet ħaġa ta' xejn. Ta' bniedem ta' l-affari tiegħu li kien beda jistaqsi ħalli jieħu ħsieb kollox bl-inqas telf ta' żmien.

"Mela għall-operazzjoni jkollna bżonn l-ewwelnett l-anastetista, dak li jraqqad lill-pazjent. Lil min insejħu?"

Is-sinjura Martha ma kenitx taf min huma t-tobba li jaħdmu l-anestesija; għalhekk rat li l-aħjar tħalli f'idejn il-Professur li kien l-aqwa u l-aħjar.

"Jiena ma nafx lil min naqbdu nsejħu. L-aħjar ngħidu lil min jidhirlek int."

"Tajjeb, mela ngħidu lit-tabib X?"